**Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)**

XX (K.I. XXXX)

*vs*

YX (K.I. XXXX)

**Rikors ta' XX;**

Tesponi bir-rispett:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-XX (XX) ta' XX tas-sena XX (XX) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A";

Illi minn dan iż-żwieġ twieled tifel li jismu EX li llum ghandu XX (X)-il sena;

Illi l-partijiet ilhom separati *de jure* mill-XX (X) ta' XX tas-sena XX (XX) b'kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dr XX XX, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B";

Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kontendenti ddekadew reciprokament mid-dritt għal manteniment mingħand xulxin;

Illi l-manteniment ghall-minuri dejjem thallas mill-intimat. Inoltre m'hemmx arretrati dovuti fir-rigward tal-ispejjez edukattivi tal-minuri li skond l-istess kuntratt ghandhom jithallsu mill-intimat;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi in sostenn ta' dan l-esponenti qiegħda tippreżenta affidavit tagħha li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala "Dok C";

Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi mhemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ;

Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li fid-dawl ta' dan id-divorzju hija tixtieq tassumi mill-gdid il-kunjom taghha ta' xebba, u cjoe "B";

Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex effettivament tassumi mill-gdid il-kunjom taghha ta' xebba, u cjoe B;

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż.

Avv. Marthese Grech
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean Pierre Busuttil

Esponenti: MMM

Intimat: NNN